

31989R0473

L 53/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

25.2.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 473/89**ta' l-24 ta' Frar 1989****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2807/83 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi rreġistrat it-tagħrif dwar il-qbid ta' ħut mill-Istati Membri.**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 170/83 tal-25 ta' Jannar 1983 li jistabbilixxi sistema Komunitarja għall-konservazzjoni u t-tmexxija tar-riżorsi tas-sajd ⁽¹⁾, kif emendat bl-Att ta' l-Aċċessjoni ta' Spanja u tal-Portugall,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2241/87 tat-23 ta' Lulju 1987 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll fuq l-attivitàjiet tas-sajd ⁽²⁾, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3483/88 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 ⁽⁴⁾, kif emendat bl-Att ta' l-Aċċessjoni ta' Spanja u tal-Portugall, jistabbilixxi istruzzjonijiet dwar l-użu tal-ġurnal ta' abbord matul il-ħidmiet tas-sajd u dwar id-dikjarazzjoni tat-tniżżil l-art/trasbord magħmula mill-kaptan ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jew ikun irreġistrat fih;

Billi l-proċedura għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni fil-ġurnal ta' abbord fil-każ tat-tniżżil l-art fi Stat Membru għajr l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun qiegħed itajjar il-bandiera, kif dikjarat fil-punt 4.2.2 ta' l-Annessi IV u V ta' mar-Regolament, trid tiġi kkjarifikata u magħmula iktar konsistenti; billi r-Regolament (KEE) Nru 2807/83 irid għalhekk jiġi emendat;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv tar-Riżorsi tas-Sajd,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Frar 1989.

Għall-Kummissjoni

Manuel MARIN

Viċi-President

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2807/83 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. l-ewwel sentenza tal-punt 4.2.2 ta' l-Anness IV hija mibdula b'dan li ġej:

"Fil-każ tat-tniżżil l-art fi Stat Membru għajr l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun qiegħed itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat l-ewwel kopja tad-dikjarazzjoni tat-tniżżil l-art għandha tingħata jew tintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn isir it-tniżżil l-art fi żmien 48 siegħa mit-tkomplija tat-tniżżil.";

2. l-ewwel sentenza ta' punt 4.2.2 tal-Anness V tiġi mibdula b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' tniżżil l-art fi Stat Membru għajr l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun qiegħed itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat l-ewwel kopja tad-dikjarazzjoni tat-tniżżil l-art għandha tingħata jew tintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn isir it-tniżżil l-art fi żmien 48 siegħa mit-tkomplija tat-tniżżil."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 24, tas-27.1.1983, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 207, tad-29.7.1987, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 306, tal-11.11.1988, p. 2.

⁽⁴⁾ ĠU L 276, tal-10.10.1983, p. 1.